# Il-Ħadd 28.08.2022

1. **<u>Illum 28/08 - JUM IL-FESTA</u>**

   Naturalment nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Ippermettuli ħsiebi jmur ukoll llum għal dawk li għandhom xi familjari morda kemm fid-djar u kemm fl-isptarijiet, fl-emigranti, u f'dawk li huma l-ħabs. Wasslu t-tislijiet tiegħi lil dawn ħutna kollha, u lill-familjari tagħhom.

   Fis-6:45am Quddiesa ċċelebrata minn Dun Tony Pace.

   Fid-9:00am Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mmexxija mill-Kappillan Jinseġ il-Paniġierku l-Kan. Dun Anton Galea Scanura, Kappillan tal-parrocca ta' B'Buga

   Fis-6:00pm Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan Kan. Leonard Mintoff Viċi Parrokku tal-parroċċa ta' Raħal Ġdid Kristu Re.

   Fis-7.15pm Tibda l-purċissjoni bl-istatwa titulari ta' San Pawl. Imexxi ir-Rev Kan Leonard Mintoff.

   Fil-10.30pm Ninġabru fuq iz-zuntier u tinħaraq l-kaxxa nfernali u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-Knisja. Fid-dħul tagħha titkanta l-antifona u tingħata l-barka Sagramentali.

   - Infakkarkom:
     - fil-***bukkett li ma jinxifx***, kif tistgħu taraw fuq noticeboard apposta, jiġifieri li minflokk fjuri tingħata offerta li din is-sena ser tmur tal-abbozz tal-istatwa ta' San Pawl u il-quddiem tal-Pulptu

2. Il-Ġimgħa 02/09, *l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar*:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Ħin għall-Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni

3. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 200 ġabra tal-Ħadd li għadda
   - € 355 ġabra waqt il-ħruġ tal-vara
   - € 2455 bħala donazzjonijiet mill-envelopes b'risq il-Festa total sa issa huwa € 7,655
   - € 720 bħala bukkett li ma jinxifx.

   Grazzi.